**Bobot – Il-Malti bl-Intelliġenza Artifiċjali**

Fondazzjoni Sagħtar għadha kif nediet app ġdida: "Bobot – Il-Malti bl-Intelliġenza Artifiċjali". L-app toffri kors ta' tisħiħ fil-qari u l-fehim tal-Malti, maħsub għall-istudenti tal-aħħar snin tal-primarja. Il-mistoqsijiet u l-attivitajiet li fuqhom mibnija l-app huma relatati mal-kisbiet mit-Tagħlim tal-Ħiliet (il-Learning Outcomes) tal-Livelli 5 u 6, u l-kontenut hu meħud mir-rivista *Sagħtar*, li diversi studenti huma abbonati fiha.

L-attivitajiet u l-mistoqsijiet fl-app jiddeterminaw il-livell ta' għarfien tal-istudenti u jibnu waħda fuq l-oħra skont l-abbiltajiet u l-ħiliet li juri min iwieġeb. L-ewwel tibda bil-ħafif, b'mistoqsijiet bħal multiple choice, imbagħad jitqalu għal Veru jew Falz, imbagħad oħrajn li għalihom trid tikteb ir-risposta. Din hi l-funzjoni prinċipali tal-intelliġenza artifiċjali, li biha l-app kapaċi timxi minn mistoqsija għal oħra skont kif imur l-istudent. L-eżerċizzji tħejjew mis-Sa Svetlene Marie Fenech u l-illustrazzjonijiet mis-Sa Mandy Galea, waqt li l-app kienet żviluppata minn tim immexxi mill-Prof. Alexiei Dingli.

Il-proġett hu tal-ewwel tax-xorta tiegħu, bl-użu tal-intelliġenza artifiċjali fil-lingwa Maltija. Huwa offra sfidi kbar, imma l-Fondazzjoni temmen li l-app tilħaq l-għanijiet li għalihom inħolqot, billi għaqqad flimkien it-tagħlim tal-Malti, il-kisbiet mit-Tagħlim tal-Ħiliet u l-intelliġenza artifiċjali. Suċċess ieħor kien il-koperazzjoni u l-kordinament bejn l-edukaturi, l-istudenti u persuni oħrajn biex setgħet issir l-app. L-app isservi wkoll bħala eżempju ta' kif l-intelliġenza artifiċjali tista' tassisti lill-istudenti u l-edukaturi fil-proċess tat-tagħlim fis-snin li ġejjin. Fuq kollox hi għodda edukattiva, divertenti u ta' għajnuna għall-istudenti u l-għalliema fit-tagħlim tal-Malti u fil-ħiliet tal-qari u l-fehim, b'teknoloġija moderna u tal-futur.

L-app hija b'xejn u tista' titniżżel b'mod sempliċi mill-Play Store jew l-App Store.

Dan il-proġett ġie ffinanzjat permezz tal-Voluntary Organisations Project Scheme amministrata mill-Kunsill Malti għas-Settur tal-Volontarjat fi ħdan il-Ministeru għall-Inklużjoni u s-Settur tal-Volontarjat.

**Bobot – Il-Malti bl-Intelliġenza Artifiċjali**

Fondazzjoni Sagħtar has just launched a new app: "Bobot – Il-Malti bl-Intelliġenza Artifiċjali". The app offers a course that strengthens reading and understanding Maltese, aimed for students in the elder years of primary school. The questions and activities in the app are related to the Learning Outcomes Framework, Levels 5 and 6, with content taken from *Sagħtar* magazine, of which various students have a subscription.

The activities and questions in the app determine the students' level of understanding and build on one another depending on the abilities and skills of respondents. The first ones are basic, including multiple choice, followed by True or False, then questions which require a written answer. This is the main function of artificial intelligence, through which the app is able to go from one question to another according to the student's progress. The exercises were prepared by Ms Svetlene Marie Fenech and the illustrations by Ms Mandy Galea, while the app was developed by a team under the supervision of Prof. Alexiei Dingli.

The project is a first of its kind, due to the use of artificial intelligence in the Maltese language. It offered great challenges but the Foundation believes the app reaches its aims, bringing together the teaching of Maltese, the Learning Outcomes Framework and artificial intelligence. It was also successful in enhancing cooperation and coordination between educators, students and other stakeholders for its creation. It also proves how artificial intelligence can assist students and educators in their learning process in the coming years. Above all, the app is an educational, entertaining and helpful tool for students and educators in learning Maltese and writing and reading skills, using modern and future technology.

The app is free and can be downloaded from Play Store or App Store.

This project has been funded through the Voluntary Organisations Project Scheme (VOPS) managed by the Malta Council for the Voluntary Sector (MCVS) supported by the Ministry for Inclusion and the Voluntary Sector (MIV).